# ĦDEJN IL-ĠNIEN TA' TFULITI

*Tmien snin għaddew minn meta kont niġġerra*
*Kollni fuq ruħi qalb l-għoljiet miksija*
*B'siġar il-lewż. Tmien snin għaddew, u rġajt*
*Jien ġejt hawnhekk biex fil-jiem sbieħ ta' darba*
*Narġa' niftakar, u nitfarraġ naqra*
*Bil-ferħ l-imgħoddi tat-tfulija tiegħi.*

*Għax hemm kont nilgħab fuq dik l-għolja żgħira*
*U hawn, fuq dil-ħarruba, darba waħda,*
*— Kien jum ta' Mejju meta l-ġilji jbajdu*
*W il-fjur tal-qares jiżfen mà' kull fewġa —*
*Jien qgħadt ferħan, flimkien m'Ivonik sieħbi*
*Nitbandlu fuq iz-zkuk bin-nida mxarrba.*
*... Nisma' ż-żanżin tan-naħal bieżel jaħdem*
*Fi tlugħ ix-xemx, u minn dal-fjur għall-ieħor*
*Itir w isoff il-għasel ħelu zokkor.*
*Il-friefet f'għaxqa jtiru 'l hawn u 'l hemm,*
*U bi ġwenħajn weqfin joqogħdu siekta*
*Fuq xi buqar li l-wied ferħan ifewwaħ...*
*Ma ninsa qatt il-jiem ta' Mejju t'ilu,*
*Għax kienu dawk il-jiem dehbiena tiegħi,*
*Ta' meta kont bla ħsieb ta' xejn niġġerra*
*Minn wied għal wied, dal-fjur jew l-ieħor naqta';*
*Jew qalb il-friegħi 'l hinn u 'l hawn nixxejjer.*

*Issa spiċċaw dal-jiem hekk sbieħ. Il-fjuri*
*M'għadhomx jolqtuni bi sbuħithom; lanqas*
*L-ilwien tal-friefet, jew in-naħla żżanżan*
*Jew dawk l-għadajjar fejn kont nilgħab hieni,*
*M'għadhomx jiġbduni w isaħħruni f'għanja*
*Ta' ferħ imdawwal b'dawl sabiħ ta' tfajjel.*
*L-għajnejn li kelli mhux bħall-għajnejn t'issa*
*Li raw l-imrar, w il-ġlied, w il-qerq tad-dinja,*
*Għax dawk mixgħula, b'leħħa safja kienu*
*Ta' tifel żgħir, li l-art fejn jimxi għadu*
*Lanqas biss għaraf, w jara biss il-ferħ.*

A. ZAMMIT GABARRETTA.
(Student. Kors tal-Letteratura.)